MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 989/2005

**Halida Kuduzovic bhala mandatarja specjali ta' ommha Semsa Kuduzovic imsiefra minn Malta**

**vs**

**Medfinco Limited (C17175) f'isimha proprju kif ukoll bhala rapprezentanti gewwa Malta ta' Hasim Kuduzovic, imsiefer minn Malta, u H.K. International Trading Services Limited bin-numru ta' registrazzjoni C25835**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ta' Halida Kuduzovic bhala mandatarja specjali ta' ommha Semsa Kuduzovic imsiefra minn Malta, li permezz tieghu, wara li ppremettiet illi:

Semsa Kuduzovic u l-konvenut Hasim Kuduzovic kienu zzewgu fl-1970 fir-Registru Civili tal-belt ta' Lukavac, illum fil-Bosnia Herzegovina;

Bejn dawn iz-zewg kontendenti hemm dizgwid matrimonjali, li ser iwassal sabiex jittiehdu proceduri ta' divorzju fil-qrati tad-domicilju taghhom u cioe' fil-Bosnia Herzegovina;

Is-socjeta' konvenuta Medfinco Limited topera bhala "licenced noninee" u hija abilitata skond il-ligi sabiex izzomm ishma f'kumpaniji bhala prestanome ta' terzi;

Hemm registrata gewwa Malta fir-Registru tal-Kumpaniji, is-socjeta' konvenuta H.K. International Trading Services Limited bin-numru ta' registrazzjoni C25835. Din il-kumpanija ghandha capital ta' elf u hames mitt sehem (1,500) ta' valur nominali ta' Dollaru Amerikan wiehed ($1) kull sehem. L-ishma f'din il-kumpanija jidhru prima facie li huma proprjeta' tal-konvenut Hasim Kuduzovic personalment, billi elf erba' mija u disgha u disghin (1,499) sehem huma registrati f'ishmu prorpju u in kwantu ghal sehem wiehed (1), dan huwa ukoll tieghu, tramite il-prestanome tas-socjeta' konvenuta Medfinco Limited li f'isimha dan is-sehem huwa registrat;

Din l-istess kumpanija tiggestixxi negozju kbir gewwa l-Libja;

Il-konvenut Hasim Kuduzovic huwa direttur uniku ta' din il-kumpanija u konsegwentement it-tregija taghha u tal-assi taghha hija unikament f'idejh;

Ukoll l-istess Hasim Kuduzovic huwa l-azzjonista uniku ta' din il-kumpanija, dan jista' meta jrid jittrasferixxi dawn l-assi lil terzi;

Trattandosi ta' kwistjoni dwar oggetti mobbli suggetti ghal drittijiet matrimonjali, ghandha tapplika l-ligi tad-domicilju tal-kontendenti Semsa u Hasim Kuduzovic, li hija l-Ligi tal-Bosnia Herzegovina, li prova taghha qeghda ssir permezz tal-annessa opinjoni dokument "A".

Skond din l-opinjoni legali moghtija mill-ufficju legali ta’ Amila Kunosic – Ferizovic, il-beni akkwistati matul iz-zwieg huma komuni bejn il-mizzewgin, u illi t-tnejn ghandhom il-jedd kongjuntiv tal-amministrazzjoni tal-istess beni matrimonjali. Skond l-istess opinjoni, il-Qrati tal-Bosnia Herzegovina jippermettu illi meta tintalab divizjoni tal-istess assi matrimonjali, jistghu jsiru atti kawtelatorji sabiex dawn l-assi ma jigux manipulati minn min ikollu l-pussess attwali taghhom, a skapitu tas-sieheb fiz-zwieg l-iehor;

L-attrici qeghda tippretendi illi hija ghandha interess patrimonjali fl-ishma ta’ din il-kumpanija, liema interess ghad irid jigi likwidat mill-qrati tal-Bosnia Herzegovina;

L-attrici ma setghetx tistenna li tinqata’ l-kawza ta’ divorzju u konsegwenti likwidazzjoni u spartizzjoni tal-ishma relattivi tal-assi matrimonjali minn dawk il-qrati, qabel tiehu azzjoni kawtelatorja sabiex tipprotegi dawn l-istess assi gewwa Malta, u dan minhabba li ghandha suspetti fondati illi zewgha l-konvenut Hasim Kuduzovic ghandu kull intenzjoni li jeludi d-drittijiet patrimonjali tal-attrici, u ghalhekk jiddisponi jew jostor l-istess assi;

Ghalhekk hija ottjeniet il-hrug tal-mandat ta’ sekwestru numru 1530/2005 kontra s-socjeta’ konvenuta H.K. International Trading Services Limited, kif ukoll mandat ta’ inibizzjoni numru 1546/2005 kontra s-socjeta’ konvenuta Medfinco Limited u kontra l-konvenut Hasim Kuduzovic;

Hija ghandha dritt u interess illi tottjeni dikjarazzjoni mill-Qrati ta’ Malta illi hija ghandha interess patrimonjali fl-ishma tas-socjeta’ konvenuta H.K. International Trading Services Limited bin-numru ta’ registrazzjoni C25835, u illi bhala konsegwenza hija ghandha dritt li tikkawtela dan l-interess sakemm is-sehem taghha fl-istess kumpanija jigi likwidat mill-Qorti kompetenti tal-Bosnia Herzegovina, sabiex hija tkun tista’ tesegwixxi s-sentenza li talvolta tinghata minn dawn il-Qrati esteri, gewwa Malta.

Talbu l-konvenuti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara illi l-Ligi applikabbli ghall-kwistjonijiet ta' proprjeta' tal-ishma tas-socjeta' H.K. International Trading Services Limited bin-numru ta' registrazzjoni C25835, hija dik tal-istat tal-Bosnia Herzegovina;

Tiddikjara illi skond dik il-Ligi, l-attrici bhala mart il-konvenut Hasim Kuduzovic ghandha interess patrimonjali fl-ishma tal-istess kumpanija H.K. International Trading Services Limited bin-numru ta' registrazzjoni C25835, u konsegwentement fl-assi tal-istess kumpanija;

Tiddikjara illi l-attrici ghandha ukoll interess illi trazzan lill-konvenut Hasim Kuduzovic milli jikkontrolla u jiddisponi mill-assi tal-istess kumpanija, sakemm jigi likwidat l-interess taghhom it-tnejn mill-Qorti estera kompetenti, ghaliex fis-sustanza, l-assi tal-kumpanija huma l-veru patrimonju tal-mizzewgin Kuduzovic;

Tiddikjara ukoll illi l-attrici ghandha interess illi twaqqaf kull trasferiment jew dispozizzjoni li tirrigwarda l-ishma tal-kumpanija H.K. International Trading Services Limited bin-numru ta' registrazzjoni C25835 u dana ukoll dejjem sakemm jigi likwidat l-interess taghhom it-tnejn mill-Qorti estera kompetenti;

Tordna ghalhekk illi sakemm il-kwistjonijiet patrimonjali ta' bejn Semsa Kuduzovic u Hasim Kuduzovic jigu decizi mill-Qorti estera kompetenti, il-konvenuti Hasim Kuduzovic u Medfinco Limited jwettqu ebda forma ta' trasferiment tal-ishma tas-socjeta' H.K. International Trading Services Limited bin-numru ta' registrazzjoni C25835;

Tordna ukoll illi sakemm il-kwistjonijiet patrimonjali ta' bejn Semsa Kuduzovic u Hasim Kuduzovic jigu decizi mill-Qorti estera kompetenti, il-konvenuti kollha ma jippermettu li jsir ebda caqliq tal-assi, partikolarment flus, tas-socjeta' H.K. International Trading Services Limited bin-numru ta' registrazzjoni C25835;

Tordna illi, okkorrendo, tinhatar persuna indipendenti bhala sekwestratarju gudizzjarju tas-socjeta' H.K. International Trading Services Limited bin-numru ta' registrazzjoni C25835, u dana dejjem sakemm il-kwistjonijiet patrimonjali ta' bejn Semsa Kuduzovic u Hasim Kuduzovic jigu decizi mill-Qorti estera kompetenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati msemmija kontra l-konvenut Hasim Kuduzovic, filwaqt li l-konvenuti kollha huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' H.K. International Trading Limited illi preliminarjament eccepiet illi:

Dina l-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni fuq il-mertu tal-kaz odjern stante illi hekk kif intqal ex admissis mill-istess attrici, kemm fil-premessi fic-citazzjoni odjerna, kif ukoll fid-dikjarazzjoni taghha guramentata, huma l-qrati kompetenti esteri li ghandhom jiddeciedu l-kwistjonijiet patrimonjali bejn Hasim Kuduzovic u Semsa Kuduzovic.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' Medfinco Limited li ukoll eccpiet preliminarjament illi:

Dina l-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni fuq il-mertu tal-kaz odjern stante illi hekk kif intqal ex admissis mill-istess attrici, kemm fil-premessi fic-citazzjoni odjerna, kif ukoll fid-dikjarazzjoni taghha guramentata, huma l-qrati kompetenti esteri li ghandhom jiddeciedu l-kwistjonijiet patrimonjali bejn Hasim Kuduzovic u Semsa Kuduzovic.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti.

Semghet lid-difensuri jitrattaw.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni.

Ikkunsidrat illi b'mod generali, il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija essenzjalment delineata fl-Art. 742 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li testwalment jiddisponi illi Art. 742 (1) (c):

*"(1) Bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi espressament xort'ohra, il-Qrati Civili ta' Malta minghajr ebda distinzjoni jew privilegg, ghandhom gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu l-kawzi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taht imsemmija:*

*(c) Kull persuna, f'kawza dwar hwejjeg li qeghdin jew li jinsabu f'Malta.*"

Il-kawza li ghandha quddiemha l-Qorti tirrigwarda ishma ta' socjeta' registrata Malta, u cioe' l-konvenuta H.K. International Trading Services Limited (C25835), konsidrati bhala mobbli mill-Art. 315(a) tal-Kodici Civili.

Din il-Qorti m'hijiex qeghda tintalab tissindika b'xi mod ir-relazzjonijiet personali ta' bejn il-konjugi.

Kif irriteniet il-Qorti fil-kawza "Dr. Ann Fenech noe vs Dr. L. Cassar Pullicino noe" (Imhallef T. Mallia, deciza fit-2 ta' Dicembru 2004) konfermata f'sede tal-Appell fit-2 ta' Lulju 2010.

"*Il-fatt li l-azzjonisti ta' socjeta' Maltija huma residenti u domiciljati barra minn Malta, ma jnehhix il-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati, ghax l-azzjonijiet infushom ikunu jinsabu Malta. Hekk, per ezempju, fil-kawza "Mizzi vs Frendo", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 1933, gie osservat li l-Qorti kellha gurisdizzjoni tissindika r-registrazzjoni hawn Malta ta' trade-mark "indipendentemente della rispettiva sudditanza e dal rispettivo domicilio dei contendenti".*"

Il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti tigi radikata bit-talbiet dedotti. Li qed jintalab f'din il-kawza huwa dikjarazzjoni dwar l-ishma tal-kawza. Il-Qorti ma teskludix li tali dikjarazzjoni tkun konnessa ma' decizjonijiet f'gurisdizzjoni barranija. Lanqas ma teskludi l-possibilita' tal-applikabilita' ta' ligi barranija. Madanakollu tqis li gurisdizzjoni taghha hija radikata kif tirrikjedi l-ligi.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni taz-zewg konvenuti u tordna li l-kawza titkompla regolarment.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------